Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-20 ta' Diċembru 2002

dwar xi miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali impurtati miċ-Ċina

(innotifikata bid-dokument numru C(2002) 5377)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2002/994/KE)

(ĠU L 348, 21.12.2002, p. 154)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/72/KE tat-30 ta' Jannar 2003	L 26	84	31.1.2003
►M2	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/621/KE tas-26 ta' Awwissu 2004	L 267M	44	28.8.2004
►M3	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/573/KE tat-22 ta' Lulju 2005	L 327M	41	23.7.2005
►M4	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/463/KE tas-17 ta' Ġunju 2008	L 160	34	19.6.2008
►M5	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/639/KE tat-30 ta' Lulju 2008	L 207	30	5.8.2008
►M6	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/799/KE tad-29 ta' Ottubru 2009	L 285	42	31.10.2009
►M7	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/482/UE tal-20 ta' Awwissu 2012	L 226	5	22.8.2012
►M8	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1068 tal-1 ta' Lulju 2015	L 174	30	3.7.2015
►M9	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1016 tat-22 ta' Mejju 2023	L 136	75	24.5.2023
►M10	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1428 tal-1 ta' Lulju 2026	L 1428	1	2.7.2026

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 71M, 17.3.2009, p. 257 (2005/573/KE)

▼B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-20 ta' Diċembru 2002

dwar xi miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali impurtati miċ-Ċina

(innotifikata bid-dokument numru C(2002) 5377)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2002/994/KE)

L-Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-prodotti kollha li joriġinaw mill-annimali importati miċ-Ċina u li huma maħsuba għall-konsum uman jew biex jiġu mitmugħa l-annimali.

▼M3
▼C1

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni skond il-kondizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali applikabbli għall-prodotti kkonċernati, u skond l-Artikolu 3 fil-każ ta' prodotti elenkati fil-Parti II ta' l-Anness.

▼M4

L-Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' kunsinni tal-prodotti elenkati fil-Parti II ta' l-Anness akkumpanjati minn dikjarazzjoni ta' l-awtorità kompetenti Ċiniża li tistqarr li kull konsenja kienet soġġetta, qabel intbagħtet, għal test kimiku sabiex ikun żgurat li l-prodotti ikkonċernati ma jippreżentawx xi periklu għas-saħħa ta' l-annimali jew tal-bniedem. Dan it-test kimiku għandu jitwettaq b'mod partikolari, bil-ħsieb li jiżvela l-preżenza ta' chloramphenicol u nitrofuran u l-metaboliti tiegħu fil-prodotti kollha elenkati fil-Parti II ta' l-Anness. Barra minn dan, il-prodotti tas-sajd ta' l-akkwakultura msemmija fil-Parti II ta' l-Anness għandhom jiġu ttestjati għall-preżenza ta' malachite green u crystal violet u l-metaboliti tagħhom. Ir-riżultati ta' dawn it-testijiet kimiċi għandhom jiġu inklużi f'dik id-dikjarazzjoni.

▼M2

_____

▼B

L-Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jibdlu l-miżuri li japplikaw fil-kummerċ ta' pajjiżhom biex iġibuhom jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni. Huma għandhom jinfurmaw immedjatament lill-Kummissjoni b'dan.

▼M2

L-Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta fuq il-bażi tat-tagħrif u l-garanziji mogħtija mill-awtorità kompetenti Ċiniża u, jekk hemm bżonn, tar-riżultati ta' żjarat ta' spezzjonijiet li jsiru fuq il-post mill-esperti tal-Komunità.

▼B

L-Artikolu 7

Id-Deċiżjoni 2001/699/KE u d-Deċiżjoni 2002/69/EKE huma mħassra.

L-Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mill-24 ta' Diċembru 2002.

L-Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼M3
▼C1

L-ANNESS

▼M10

PARTI I

Lista ta' prodotti li ġejjin mill-annimali li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew biex jintużaw bħala għalf għall-bhejjem u li huma awtorizzati biex ikunu importati fl-Unjoni minghajr id-dikjarazzjoni li hemm fl-Artikolu 3:

— prodotti tas-sajd, ħlief:

  — dawk miksuba mill-akkwakultura,

  — gambli mqaxxrin u/jew ipproċessati,

  — ċkaltal-ispeċi *Procambarus clarkii* maqbuda f'ilma ħelu naturali permezz ta' operazzjonijiet tas-sajd;

— ġelatina;

— additivi tal-ikel kif irregolati skont ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

— sustanzi maħsuba biex jintużaw bħala supplimenti tal-ikel jew fis-supplimenti tal-ikel kif irregolati skont id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

— il-vitamina D3 maħsuba għall-konsum mill-bniedem, u l-prekursuri użati għall-produzzjoni tagħha, meta jikkonformaw mat-trattamenti speċifiċi għal dawn il-prodotti raffinati ħafna (derivattivi tax-xaħam) stabbiliti fit-Taqsima XVI tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 ([3]);

— ikel tal-annimali domestiċi kif irregolat skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]);

— is-sulfat tal-kondrojtin u l-glukożammina u l-kitosan meqjusa bħala materjali tal-għalf, kif irregolati skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 68/2013 ([5]);

— il-vitamina D3 li għandha tintuża bħala additiv tal-għalf f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u l-prekursuri użati għall-produzzjoni tagħha, maħsuba għall-użu fl-għalf għall-annimali mrobbija fl-irziezet u għall-ikel tal-annimali domestiċi kif irregolat skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

— L-ċisteina u L-ċistina li għandhom jintużaw bħala additivi tal-għalf f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar additivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1333/oj).

([2]) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/46/oj).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/853/oj).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali u derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1069/oj).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 68/2013 tas-16 ta' Jannar 2013 dwar il-Katalgu tal-materjali tal-għalf (ĠU L 29, 30.1.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/68/oj).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1831/oj).

▼M3

▼C1

PARTI II

Lista ta' prodotti li ġejjin mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew għall-użu bħala għalf lill-annimali li l-importazzjoni tagħhom fil-Komunità hija awtorizzata, suġġetta li tkun akkumpanjata mill-attestazzjoni prevista mill-Artikolu 3:

— Prodotti tas-sajd mill-akkwakultura.

— Gambli mqaxxrin u/jew ipproċessati.

— *Crayfish* ta' l-ispeċi *Procambrus clarkii* maqbuda f'ilma ħelu naturali permezz ta' operazzjonijiet tas-sajd.

— Imsaren (*Casings*).

— Laħam tal-fenek.

— Għasel.

— Royal Jelly.

▼M5

— prodotti tal-laħam tat-tjur.

▼M6

— bajd u prodotti mill-bajd.

▼M7

— il-propoli u l-polline tan-naħal.